# IL-GHANJA TAĊ-ĊAQLIQ *

*Ta'* A. Buttigieg

*Imnebbħa mill-għajn li tinsab fil-*
*Palazzo Pitti ħdejn l-Arno, Firenze.*

Smajt il-għanja tal-għejun
imfawrin,
ħafna sriebet ma' xulxin,
qishom pizzi tal-bizzilla
bajdanija
li jinqalbu
għal ġo vaska sewdenija.

Smajt il-għanja wkoll tas-sigar:
ċedru w pin,
pjoppi u ċawsri ma' xulxin,
jagħmlu toroq imsaqqfin
twal tal-ħdura
fejn il-vari bojod kina
ta' ġol-ġnien iżidu ż-żina.

Smajt il-għanja wkoll tal-mewġ,
li b'elf barri wild il-fewġ
sejjer jaħrat wiċċ ix-xmara
sa ma jasal fuq ix-xifer
u tinħall fil-gliegel bojod qalb ir-ragħwa taċ-ċarċara;
wiċċ ix-xmara
twil u twil mal-pontijiet,
miexi qalb il-boskijiet,
sa jintefa' ġewwa l-baħar
f'għaqda kbira ferreħija,
bajdanija.

Smajt it-tlieta
u t-tlieta kellhom
għanja waħda ta' tħaxwixa,
xix... xix... xix...
għanja waħda ta' ċaqliqa,

---

(*) Din il-poeżija u ta' wara nqraw f'Laqgħa Akkademika li saret mill-Għaqda fit-28 ta' Novembru, fid-Dar ta' S. Ġużepp, il-Belt.

ta' taħrika,
li mill-bidu tal-ħolqien
sejra tmewweġ ġewwa l-ġnien,
ġewwa x-xmara,
ġol-għejun u ġoċ-ċarċara,
bl-armonija,
daqqa mbiegħda, daqqa spiss,
kif imiss.

Mort il-għada u t-tlieta kellhom
l-istess għanja
xix... xix... xix...
u jekk jersaq xi poeta
elf sena oħra
jisma' l-għanja tal-għejun,
u tas-siġar u tax-xmara,
jerġa' jara
l-istess fewġ.
jerġa' jisma' l-istess fewġ
xix... xix... xix...

Xix... xix... xix...
sa mill-bidu tal-ħolqien;
u li kieku għal xi żmien
din il-għanja ta' tħaxwixa,
ta' ċaqliqa,
ta' taħrika,
kellha tieqaf,
kien ikollna baħar qiegħed,
b'ħafna dud u b'ħafna ntiena,
siġar sofor b'weraq ħżiena,
kien ikollna mhux biss skiet,
imma mwiet.

Xix... xix .. xix...
jalla tibqa' ma' kull żmien!
jalla tkun dejjem dewwiem!
mingħajr tmiem!
Ammen, Ammen, Ammen!

Napli, 10 ta' Ottubru 1947.